

# Xogħlijiet tal-Ganutell li jinsabu fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għargħur

*Maria Kerr*

Riċerki, li jien għamilt fix-xahar ta' Lulju 2010, dwar xogħlijiet tal-Ganutell li jinsabu fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għargħur ddedikata lill-Appostlu San Bartilmew.

**1.** In-nies ta' dan ir-raħal ċkejken kienu ilhom bix-xewqa li jinqatgħu mill-parroċċa tan-Naxxar u damu jistennew sas-sena 1598 biex jaqtgħu x-xewqa tagħhom. Meta l-Isqof appunta prokuratur, il-kappillan tan-Naxxar ħadha bi kbira u minħabba l-età tiegħu, l-Isqof, reġa neħħa lil dan il-prokuratur. Fis-sena 1606 dan il-kappillan miet, u f'Lulju ta' 1610 l-Għargħur sar parroċċa u kellu l-ewwel kappillan. Il-popolazzjoni ta' dan ir-raħal bdiet tikber u nħasset il-ħtieġa ta' knisja ikbar. Flimkien mal-kappillan, dawn il-parruċċjani għażlu lill-perit Tommaso Dingli biex ikun responsabbli biex tinbena il-knisja li hemm illum. Hija knisja fuq stil Barokk b'dekorazzjoni mill-isbaħ u kif ngħidu bil-Malti mimlija daqs bajda. Jesmond, is-sagristan qalli li l-isbaħ ħaġa li hemm ġol-knisja hija l-istatwa ta' San Bartilmew imnaqqxa artistikament minn zokk ta' siġra.

**2.** Jesmond tellagħni fuq, f'kamra mimlija kollha armarji fejn jinżammu t-teżori ta' din il-knisja. Dan is-sagristan ħabrieki beda tiela u nieżel mas-sellum jiftaħ u jagħlaq l-armarji biex joħroġ il-fjuretti tal-ganutell. L-ewwel wieħed kien dan. Fjurett ta' mal-vara ta' San Ġużepp. Antik mhux ħażin, u naħseb li għandu qrib il-mitt sena. Il-fjuri m'humiex fjuri tal-ganutell iżda huma tal-karti li fil-bidu tas-seklu għoxrin kienu popolari ħafna. Għadu fi stat tajjeb u m'għandix dubju li kien mill-isbaħ meta kien għadu ġdid. Kuluri sbieħ u vivaċi, għadd ta' fjuri differenti, iżda fl-istess ħin tieħu gost tħares lejh. Il-kompożizzjoni tiegħu hi tradizzjonali ħafna, jibda bil-lilium, u jkompli bil-ward, dalji, pensjeri, narċis żgħir, margeriti u ħafna weraq varjat. Il-fjuri kollha għandhom id-dettal individwali tagħhom li bih tissebbaħ il-fjura.

Il-lilium li jibda bih dan il-fjurett għandu l-istamen tal-bellus isfar, fil-waqt li dawk tal-ward huma tal-istess materjal, imma żgħar ħafna. Fih ward aħmar, isfar, roża u bojod u fihom ħafna petali. Il-petali tal-pensjeri għandhom sfumatura mill-isbaħ u n-nofs tal-margeriti hu magħmul mix-xinilja. Dan il-fjurett fih weraq differenti u l-aħdar tagħhom hu varjat. Il-qronfol huwa magħmul b'sengħa kbira. Il-fjurett huwa marbut b'mod tradizzjonali u l-artist għamel kompożizzjoni sabiħa.

**3.** Fjurett kbir mhux ħażin huwa wieħed minn sett ta' erba'. Fjurett bil-fjuri tal-ganutell imżewwaq b' kollox u naħseb li għandu qrib it-tmenin sena jekk mhux aktar. Mid-dettalji, mill-materjal li fih u mit-teknika jidher ċar li dan hu xogħol is-sorijiet ta' Sant' Ursola. Il-petali tal-fjuri huma maħdumin b'ċerta sengħa, il-fjuri kollha huma mżejna b'materjal antik u d-dud tal-ganutell bil-perla fit-tarf imferrex mall-fjurett kollu. Għalkemm issa qed jintuża għal fuq l-altar ta' San Ġużepp, żgur il kien magħmul għall-altar tal-Agunija jew kif inhu magħruf "tal-Kurċifiss." Fil-fatt għandu sitt żbuliet tal-qamħ u tliet għenieqed tal-għeneb. Il-fjura ħamra tan-nofs, li hi magħmula bil-petali tax-xinilja għandha n-nofs dekorat b'antaċċoli miżmumin bil-lewlu, ħames perliet mżewqin bil-boullion tal-fidda u ċrieki żgħar bl-istess boullion. Iż-żewġ fjuriet ta' fuq u dik ta' taħt din il-fjura l-ħamra huma t-tnejn maħdumin bil-basic petals. It-tnejn ta' fuq bil-farfalla u ta' taħt bil-wire mibrum tal-fidda. Fuq kull ġenb tal-fjura il-ħamra, hemm tliet fjorellini tax-xinilja sofor. Hdejhom hemm żewġ fjuriet tal-fidda maħdumin bl-isquare petals. Iż-żewġ fjuriet


1


2


3


4


5


6a


6b


7

tan-naħa t'isfel huma ta' żewġ kuluri, roża u abjad u l-petali huma maħdumin bil-Y petal. Dawn il-fjuri huma maħduma bil-prepared thread u l-petali kollha huma mberflin bil-boullion tal-fidda. L-artist ta' dan il-fjurett għażel li jispiċċa dan il-fjurett bix-xinlija ħadra u perli tal-fidda.

**4.** Għall-festa ta' San Bert, fuq l-altar maġġur, ikun hemm dan is-sett ta' 6 fjuretti, li jien naħseb li għandhom madwar sittin sena. It-tip tal-fjuri, it-teknika li biha huma maħdumin, it-tqassim tagħhom u l-irbiet jaċċertani li hu xogħol is-sorijiet ta' Sant' Ursola. Peress li ma teżistix l-ebda dokumentazzjoni jista' jkun ukoll li ħadmu xi ħadd ieħor li kien qrib dawn is-sorijiet u uża s-sistema tagħhom. Jibda bil-lilium u l-fjuri huma mmuntati erbgħa Il-fjura tan-nofs hija nofsha roża u nofsha ħamra, iż-żewġ fjuri tax-xinilja ħomor fuq kull naħa tal-għenieqed tal-għeneb, il-pensjeri u ż-żewġ fjuriet ta' l-aħħar huma maħdumin bl-isquare petals u l-bil-Y petals rispettivamnet. Il-weraq dejjem issibhom varjati fix-xogħol ta' dawn is-sorijiet . Dejjem kienu jaħdmu weraq bil-basic petals tal-wire tal-fidda u tad-deheb. Fil-bidu tas-seklu għoxrin bdew jużaw il-weraq tal-fidda lesti u f'dawn il-fjuretti dawn il-weraq huma abbundanti. Fjuri dekorati bl-antaċċoli kienu wkoll iħobbu idaħħluhom fix-xogħol tagħhom. F'dan il-fjurett issib ukoll l-iżbul tal-qamħ u l-għeneb. Din hija ħaġa kurjuża, għax meta kienu jintużaw dawn iż-żewġ simboli, il-fjurett kien ikun magħmul għal fuq l-altar tal-Agunija. Dettal ieħor tas-sorijiet ta' Sant' Ursola hu, fjuri maħdumin b'żewġ kuluri. Dan is-sett għandu wkoll gastri tal-alabastru.

**5.** Ma' daqqa t'għajn tinduna li dan is-sett ta' sitt fjuretti, li posthom hu fuq l-altar ta' San Mikiel, hu xogħol Manuel Sciberras. Bejn wieħed u ieħor dan il-fjurett għandu il-fuq minn erbgħin sena. Fl-opinjoni tiegħi hu wieħed mill-aħjar xogħlijiet ta' Manuel. Fih ħafna kuluri, imma Manuel irnexxilu jżomm bilanċ tajjeb. Kien dejjem jibbaża l-fjurett fuq ħames fjuriet kbar fin-nofs, sitt fjuriet imqassmin fuq kull ġemb tal-fjuri tan-nofs, imbagħad ikompli bi fjuri żgħar tal-molla. Il-fjuri kbar tal-boullion kemmxejn oħxon tad-deheb u tal-fidda ma' jonqsu qatt. Hafna drabi, għall-petali tal-fjuri l-kbar, minnflok il-molla kien juża il-boullion imbagħad jimla bil-ħajt. Weraq xejn, minflok, Manuel kien juża ftit weraq tax-xinilja 'l hemm u 'l hawn. F'dan is-sett hu daħħal ukoll żewġ margeriti li għamlu effett tassew ħelu.

**6a, 6b.** Għal fuq erba' altari minn din il-knisja parrokkjali, fil-festa ta' San Bert ikun hemm erba' settijiet ta' fjuretti bil-fjuri tal-karti. Għalkemm il-fjuri ta' dawn il-fjuretti m'humiex tal-ganutell, xorta huma sbieħ ħafna u teħtieġ kapaċita` u sengħa kbira biex tagħmel dawn il-fjuri. Wisq probabbli dan hu xogħol Ġużeppi Grima li kien għamel fjuretti simili għall-knisja tan-Naxxar.

L-għamla ta' dan il-fjurett huwa oriġinali u għalkemm għaddew ħafna snin minn fuqu, għadu fi stat tajjeb ħafna. Jesmond qalli li ma jafx xejn fuq dawn il-fjuretti, jaf biss li xi snin ilu Dun Edgar Vella kien darhom u reġa' tahom il-ħajja. Wara li nkun rajt u flejt kull opra li niltaqa' magħha, dejjem skond l-abbilta` tiegħi, nipprova nasal għall-konklużżjoni dwar minn min u meta nħadmet l-opra. Hekk ukoll ippruvajt nagħmel ma' dan is- sett fjuretti ta' San Bert.

**7.** Dawn il-fjuretti għandhom żgur 'il fuq minn sittin sena jekk mhux iktar, u naħseb ukoll li huwa xogħol tas-sorijiet ta' Sant' Ursola. Forsi tistaqsu, għaliex taħseb hekk? Għax fih ħafna u ħafna fjuri. Nibdew mill-parti ta'fuq; bdew bil-fjuri mezzo chiusi (blanzun u 5 petali) tal-prepared thread . L-istamens huma lewlu delikat u irqieq immens. Kienu jħobbu ħafna jibdew b'dawn il-fjuri. Il-fjuri tal-molla huma numerużi u weraq hemm kemm trid. Din il-parti qiegħda fuq l-anima prinċipali. Ma' din l-anima hemm tlieta oħra li jibdew minn isfel. Dawn għandhom forma ta' nofs tond u jingħaqdu t-tlieta flimkien taħt il-parti ta' fuq. Il-fjuri ma' dawn l-animi huma numerużi u l-kuluri tagħhom huma serji u eleganti. Il-fatt li l-fjuri huma mrabbtin erbgħa jkompli jikkonferma dak li qed naħseb jien. L-hemm u l-hawn issib fjuri kbar b'ħafna petali mżejnin b'ħafna dettall li jkomplu jsebbħu dawn il-fjuretti. Il-fjuri tal-molla bil-petali tondi li kull waħda għandha żewġ kuluri, jkomplu jsaħħu l-fehma tiegħi li dawn huma xogħol is-sorijiet ta' Sant' Ursola.

Nittama li dawn ir-riċerki jgħinukom tapprezzaw aktar dan ix-xogħol tal-Ganutell li bihom hija mogħnija din il-knisja parrokkjali. Nieħu din l-okkażżjoni biex nawgura l-festa t-tajba lill-qarrejja kollha.